MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 190/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Best Foods Limited [C-42512]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fis-7 ta’ Marzu, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ hames mija u tmien euro u tnax-il centezmu ta’ euro (€508.12) u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi s-socjeta konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ hames mija u tmien euro u tnax-il centezmu (€508.12) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici numri 21337061/2 numru tal-kont A/C 40101603 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellat sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mis-27 ta' Jannar 2010 kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fil-15 ta' Marzu, 2012, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-27 ta' April, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-27 ta' April, 2012 u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra d-dokumentazzjoni esebita mill-istess socjeta attrici, u cioe d-dokument A (prospett tal-kont numru 40101603);

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u tmien euro u tnax-il centezmu ta' euro (€508.12), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------